**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

**KUNSILL LOKALI ĦAMRUN** **IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 06, il-Ħamis, 16 ta' Lulju 2015.**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 16 ta' Lulju 2015 fis-6.00 filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**<u>Preżenti</u> (Sitt Kunsilliera)**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Christian Sammut | Sindku |
| Is-Sur Antonello Cuschieri | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Louise Portelli | Kunsillier |
| Is-Sur Jurgen Carl Grixti | Kunsillier |
| Is-Sur Efrem Buttigieg | Kunsillier |

**Skużati**

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello talab li jkun skużat minħabba mewt fil-familja. Il-Kunsill approva li l-Viċi Sindku jkun skużat.

**<u>Talba</u>**

Il-Kunsillier Carmen Borg qalet it-talba

**01/01 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 4 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ talab korrezzjoni tal-Minuti kif ġej;

'Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa min huma l-membri tal-Bord tal-Ġurija tal-Konkors Qalb San Ġorġ Preca'

**Il-Minuti ġew approvati unanimament.**

## 02 Punti li joħorġu mill-Minuti

### 02/01 Laqgħa mas-Sidien tal-Ħwienet

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa jekk il-laqgħa mas-sidien tal-ħwienet saritx. Is-Sindku nfurma li minħabba li s-Segretajru Eżekuttiv kienet bis-sick leave il-laqgħa ġiet posposta. Is-Sindku nfurma lill-membri li l-laqgħa se tinżamm fis-27 ta' Lulju 2015.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ppropona li ssir ittra ta' nformazzjoni lir-residenti sabiex jiġu nfurmati b'dak kollu li qalulna Transport Malta dwar il-1Hr Parking Scheme fi Triq il-Kbira San Ġużepp.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma lill-membri li fi Triq Joe Sciberras, bejn Triq il-Fatati u Triq Kappillan Mifsud kien hemm 'Bus Stop' bl-isem ĠUŻE, li m'għadux jintuża. Ġara li issa hemm 2 parking bays mgħottija. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li se ssir verifika ta' dan kollu u tinfurma lill-Kunsill.

### 02/02 Tender – Cleaning, Upkeep & Maintanance of Public Conveniences in Ħamrun

Is-Sindku fakkar li t-tender 'Cleaning, Upkeep & Maintanance of Public Conveniences' tagħlaq nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju 2015.

### 02/03 Skema Restawr ta' Postijiet Storiċi

Is-Sindku, Christian Sammut nfurma lill-membri li l-Kunsillier Antonello Cuschieri mela l-applikazzjoni għar-restawr ta' postijiet storiċi, liema applikazzjoni ġiet ippreżentata lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, kif stipulat, sabiex nitolbu għal fondi.

Is-Sindku nfurma lill-membri li se naraw x'jista' jsir dwar restawr tal-Kappella tal-Madonna tas-Samra wkoll.

### 02/04 Magazine tal-Kunsill

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Magazine tal-Kunsill jinsab għall-printing. Hu talab li għal edizzjoni oħra ma jħallux għall-aħħar sabiex jibgħatu l-artiklu tagħhom. Is-Sindku talab lill-membri jressqu suġġerimenti ta' x'jista' jsir fil-ħarġa li jmiss.

Is-Sindku nfurma li tkellem mal-istampatur sabiex isir tibdil tal-format u l-layout mill-ħarġa li jmiss.

### 02/05 Bollards fit-toroq tal-Ħamrun

Is-Sindku nfurma lill-membri li tkellem mal-kuntrattur dwar il-bollards/U-Bars li hemm fi Triq Ħal Qormi u Triq Dun Nerik Cordina Perez. Is-Sindku nfurma li l-Kuntrattur lest li jaqla l-bollards li hemm fil-preżent a spejjeż tiegħu u jsiru bollards aktar attrajenti.

### 02/06 Servizz ta' Knis extra nhar ta' Ħadd

Is-Sindku wera s-sodisfazzjon tiegħu għas-servizz ta' knis extra li qed isir nhar ta' Ħadd tul Triq il-Kbira San Ġużepp. Is-Sindku spjega li din l-inizzjattiva hija suċċess u ntlaqgħet tajjeb ħafna mir-residenti.

**02/07 Użu tas-Sala tal-Kunsill**

Il-Kunsillier Carmen Borg staqsiet għaliex is-Sinjura Joanna Cauchi talbet li tuża s-sala tal-Kunsill. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurmaha li s-Sinjura Cauchi talbet li torganizza laqgħat għal kantanti li se jipparteċipaw f'festival. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li tkellem mas-Sinjura Cauchi u nfurmaha li ġaladarba l-Kunsill offra l-użu tas-Sala mingħajr ħlas, ikun ġest sabiħ jekk is-Sinjura Cauchi ġġib lil Gaia Cauchi tkanta waqt il-Festival taċ-Ċikkulata u attivitajiet oħra li jista' jorganizza l-Kunsill.

Il-membri faħħru din l-inizzjattiva.

**03 Proġett Pjazza San Pawl**

Is-Sindku nfurma li minħabba li l-Objection Date għalqet, is-Sindku jaqbel li nistennew id-deċiżjoni tal-MEPA dwar dan il-proġett.

Il-Kunsillier Louise Portelli staqsiet jekk id-data ġiet magħluqau l-Kunsill ma laħaqx oġġezzjona għax il-Kunsill ma ltaqax.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri kkonferma li meta semmiegħa, fl-aħħar laqgħa, d-data kienet diġa magħluqa.

Is-Sindku, Christian Sammut, f'dan l-istadju għamel eżerċizzju u ppreżenta sett ritratti tal-kiosk fil-preżent kif ukoll sett ritratti ta' kif se jiġi l-proġett propost. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab kopja tal-pjanti proposti mill-ajru.

Is-Sindku Christian Sammut saħar li f'dan l-istadju, ġaladarba hemm deċiżjoni ta' Kunsill, m'għandhix tiġi revokata, u dan l-istadju m'hemm lok li jittieħed vot. Bil-proġett il-ġdid, issa se jkun hemm dehra aħjar tal-Pjazza li se tneħħi dak l-imbarazz kollu li hemm fil-preżent. Għaldaqstant f'dan l-istadju, l-Kunsill għandu jħares 'l quddiem.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ ma jaqbilx għelix b'mod legali l-Kunsill jista' jappella.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri fakkar li kien hemm każi f'lokalitajiet oħra li ressqu Objection tagħhom u l-MEPA rrevokat id-deċiżjoni tagħha.

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jiltaqa' mal-iżviluppatur.

Is-Sindku fisser li kull min kellu joggezzjona kellu żmien biżżejjed biex iressaq l-objection tiegħu.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri saħaq li huwa mportanti li l-Kusnill jisma kemm lill-iżviluppatur kif ukoll lir-residenti għaliex dan il-proġett se jolqot lir-residenti tal-Ħamrun. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri fisser li lanqas il-membri tal-Kunsill ma kienu nfurmati sew b'dan il-proġett.

Is-Sindku, Christian Sammut fisser li kulħadd jaf il-pożizzjoni tiegħu x'inhi, iżda jħoss li l-way forward hija li niltaqgħu mal-iżviluppatur u niddiskutu miegħu.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ spjega li l-main concern tar-residenti huwa li jittieħed spazju mill-pjazza.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri fakkar li l-Kunsill qed jirrappreżenta lir-residenti. Dakinhar li ġie ppreżentat il-proġett, is-Sindku ta' dak iż-żmien, Vince Bonello kien daħal bil-pjanti taħt idejh u preżentahom lill-Kunsill mingħajr ma kien fuq l-Aġenda.

## 04 Quotations – Ġnien Anton Buttiġieġ

Is-Sindku nfurma lill-membri li hu jieħu lit-tifla b'mod regolari l-bandli u jara tfal jilgħabu bil-ballun u jduru bir-rota. Dan kollu jixhed li t-tfal Ħamruniżi m'għandhomx postijiet adegwati ta' rikreazzjoni.

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda, tlett (3) Quotations ta' CCTV Systems u tlett (3) Quotations għas-Servizz ta' Security Officer.

Mill-kwotazzjonijiet miġbura li jidher li finanzjarjament, mhux vijabbli li jitqabbad Security Officer, għaldaqstant il-Kunsill għandu jevalwa l-possibilita' li jiġu nstallati CCTV Security System. F'dan l-istadju ġie deċiż li l-Kunsill jiltaqa' mal-bidders li tefgħu l-kwotazzjoni tagħhom u jiddiskutu l-proposti mressqa.

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti staqsa jekk il-kumpaniji jistgħux jagħtu samples ta' kif jidhru l-footages.

Ġie deċiż li jinħatar Bord tal-Evalwazzjoni, li jkun iffurmat mis-Sindku Christian Sammut u l-Kunsilliera Antonello Cuschieri, Jurgen Carl Grixti u Efrem Buttiġieġ.

## 05 Festa San Gejtanu 2015

Is-Sindku nfurma lill-membri li jkun għaqli jekk il-Kunsill jipprovdi s-servizz ta' mobile toilets u ambulanza waqt il-marċ tal-Ħadd filgħodu, matul il-festa San Gejtanu. Kulħadd huwa konxju mis-sitwazzjoni li l-lokalita' tispiċċa fiha, ta' kull sena, fejn persuni li jattendu għal marċ jispiċċaw joħolqu nkonvenjent lir-residenti billi jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom ma faċċati ta' djar/ħwienet u sqaqien.

Kien għalhekk li nġabru xi stimi għal servizz ta' mobile toilets u Ambulanza waħda.

Sar qbil li l-Kusnill jikri mobile toilets u ambulanza waħda li tiġi stazzjonata fi Triq id-Duka t'Edinburgh.

Is-Sindku spjega li hu kien se javviċina lis-sidien tal-bars sabiex jagħmlu għotja ta' € 50 sabiex jgħinu fl-ispiża tal-Mobile Toilets.

Il-Kunsill approva din l-inizzjattiva.

## 06 Korrispondenza

### 06/01 Talba ghal railing mis-Sinjura Isabella Azzopardi

Il-Kunsill qabel li jippreżenta t-talba tas-Sinjura Azzopardi lil Transport Malta.

### 06/02 Parking Irregularities mingħand is-Sur Joseph Sammut

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ ikkonferma din il-problema. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ssuġġerixxa li jsiru bollards mal-koxox tal-garaxx in kwistjoni. Is-Sindku fisser li din il-problema li qed tinħoloq mhux biss mir-residenti iżda anke b'mod estetiku lill-pjazza ta' quddiem il-Kappella tas-Samra. Is-Sindku fisser li din il-problema tista' tiġi mrażżna permezz ta' proġett sħiħ fejn issir bħala 'Access to Residents Only'. Fid-dawl ta' dan kollu, l-Kunsill jista' jiddiskuti mal-MCP fejn ir-residenti tal-akwata jingħataw discount speċjali fuq il-membership, sabiex ikun possibli għalihom jipparkjaw fil-parkeġġ tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ fisser li din il-problema spiċċat bħala issue personali, fejn hemm residenti qed jipparkjaw quddiem il-garaxx tal-familja Sammut apposta.

Is-Sindku fisser li f'din iċ-ċirkostanza l-Kunsill irid ikun kawt fid-deċizjoni tiegħu, filwaqt li l-Kunsillier Efrem Buttiġieġ spjega li huwa mportanti li tinstab soluzzjoni għal din il-problema għax se teskala.

Is-Sindku propona li jsiru laqgħat jew surveys mar-residenti tal-akwata sabiex b'hekk ir-residenti jħossuhom involuti fid-deċiżjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri wera l-ħsieb tiegħu, għaliex din l-ittra qed titfa' responsabbilta' fuq il-Kunsill. Is-Sindku spjega li din hija problema ta' enforcement u għaldaqstant taqa' taħt ir-responsabbilta' tal-Pulizija.

Ġie propost u maqbul li wara l-festa San Gejtanu, ninfurmaw lill-Pulizija b'din il-kwistjoni u nlaqqgħu r-residenti sabiex nifhmu aktar is-sitwazzjoni. Sadanittant il-Kunsill għandu jressaq talba uffiċjali lil Transport Malta sabiex din il-Pjazza tiġi 'No Entry except for Access to Residents Only'.

**06/03 Parkeġġ għar-Residenti fiz-zona ta' Triq San Gorg Preca u Triq Mountbatten**

Il-Kunsill qabel li jibgħat korrispondenza lir-residenti, fejn jinfurmahom bis-sistema tal-permessi maħruġa mill-Kunsill, kif ukoll jiġu nfurmati bis-sitwazzjoni preżenti ta' Timed Parking Scheme.

Barra minhekk is-Segretarju Eżekuttiv, ikkonfermat li l-ilmenti dwar parkeġġ abbużiv minn kumpaniji privati u ġenituri li jwasslu/jiġbru t-tfal diġa ġew imressqa għall-attenzjoni tal-Pulizija u Reġjun Nofsinhar.

**06/04 Talba għar-Refund Andre Bonnett**

Il-Kunsill qabel li ssir verifika ta' xhemm eżatt u wara ninfurmah sabiex jagħmel it-talba tiegħu through Insurance.

**06/05 Talba għal Slepping Police fi Triq Meilton Scerri**

Il-Kunsill qabel li jressaq din it-talba lil Transport Malta, għall-approvazzjoni.

**07 Skeda ta' Ħlasijiet**

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista għall-ħlasijiet li rċieva l-Kunsill (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

## 08 Ħwejjeġ ta' Natura Urġenti

### 08/01 Internal Audit

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa jekk il-Kunsill hux se jagħmel Internal Audit. Is-Sindku nfurma lill-membri li ħa parir u ġie nfurmat li ġaladarba sar l-Audit mill-Gvern Ċentrali, m'hemmx għalfejn jerġa' jsir ieħor. Dan għaliex l-Awdituri tal-Gvern huma fitti ħafna u jekk ikun hemm xi diffikulta' se tinġibed l-attenzjoni b'mod immedjat.

### 08/02 Servizz ta' Qari tal-Prova

Is-Sindku nfurma lill-membri li s-Segrtarju Eżekuttiv talbet għal stimi u kellna feedback mingħand erba' (4) persuni li ma setgħux jagħtu dan is-servizz minħabba mpenji oħra. L-unika kwotazzjoni li tressqet kienet mingħand Rene Monsigeur. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

### 08/03 Tibdil fl-Uffiċċju

Is-Sindku fisser li kien ilu jinħass il-bżonn li jsir tibdil estetiku tal-Customer Care Area. Fil-fatt diġa sar xogħol fuq id-desk, fejn tneħħew l-ixkafef u desk goffa ħafna li kienu jagħtu dehra kerha l-entrata tal-Kunsill.

Il-Kunsill talab l-approvazzjoni tal-membri sabiex jinxtraw purtieri ġodda u ssir kitba 3D 'KUNSILL LOKALI ĦAMRUN u l-logo tal-Kunsill'.

Barra minhekk fil-futur qarib mistennija tinżamm kompetizzjoni tar-ritratti tal-Ħamrun, fejn l-isbaħ ritratt jitwaħħal fil-Customer Care area wkoll. Wara li jitlesta x-xogħol fil-Customer Care Area, se jsir tibjid tas-Sala tal-Kunsill u manutenzjoni tal-istore ta' fuq il-letrina fi Triq il-Ferrovija. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ġibed l-attenzjoni li dan l-istore ilu snin magħluq u għaldaqstant għandu jiddaħħal il-Perit sabiex nevitaw kull tip ta' periklu.

### 08/04 Fondi mir-Reġjun Nofsinhar għal proġetti relatati ma' Mobilita' Aħjar

Is-Sindku nfurma lill-membri li r-Reġjun Nofsinhar ta s-somma ta' € 7000 lil-lokalita' tal-Ħamrun sabiex isir xogħol relatat ma' ħajja aħjar għal persuni b'diżabilita'. Dan ix-xogħol għandu jkun lest sal-31 ta' Diċembru 2015. Għaldaqstant il-membri huma mħeġġa li jgħaddu s-suġġerimenti tagħhom sabiex il-Kunsill jiddeċiedi x'xogħol għandu jsir b'dawn il-fondi.

Il-Kunsillier Carmen Borg issuġġeriet li ssir manutenzjoni tal-bankina madwar Pjazza San Pawl għaliex hija għolja ħafna u persuni anzjani qed isibuha diffiċli biex jużawha.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ issuġġerixxa li ssir manutenzjoni tal-bankina fl-area tal-England Insurance, fil-Blata l-Bajda.

Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir manutenzjoni tal-bankina eżistenti mal-iskola Primajra fi Triq Ġuże Pace, liema bankina mhiex aċċessibli għal wheelchair.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ issuġġerixxa li jsiru rampi mal-Kappelli, ghaliex dawn m'għandhomx aċċess għall-persuni bil-wheelchair.

Ġie maqbul li jintbagħtu suġġerimenti għall-manutenzjoni u nstallar ta' aktar rampi mal-bankini.

**09** Il-Kunsillier Louise Portelli talbet li tkun skużata mil-laqgħa, fit-8.20p.m.

## 10 Festival taċ-Ċikkulata 2015

Is-Sindku nfurma lill-membri li s-sena li għaddiet il-Kunsill ħareġ is-somma ta' € 5,000, sabiex seta' jiġi organizzat il-Festival taċ-Ċikkulata. Din is-sena l-fondi min-naħa tal-Gvern Ċentrali reġgħu naqsu b'€ 2,000, għaldaqstant, jekk il-Kunsill jagħmel l-istess spejjeż bħas-sena li għaddiet, se jkollu joħroġ is-somma ta' € 7,000.

Fid-dawl ta' dan kollu, l-Kunsill għandu jagħmel dak kollu possibli sabiex dawn l-ispejjeż jitnaqqsu. Is-Sindku nfurma li huwa fil-ħsieb tiegħu li l-budget tal-Kunsill għal din l-attivita' jkun ta' €3,000 u mhux aktar.

Is-Sindku preżenta draft tal-Income & Expenditure għal festival ta' din is-sena. Huwa fisser li tkun ħaġa sabiħa jekk il-membri kollha jagħtu l-input tagħhom fl-organizzar ta' dan il-festival.

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet tintervjeni, fejn fissret li l-Ministeru qed jagħmel enfażi sabiex ma jkunx hawn stands ta' bejgħ ta' junk food, għaliex il-Ministeru rriżerva d-dritt li ma jagħtix il-fondi. Għaldaqstant il-Kunsill għandu jimxi mal-linji gwida, anke fejn jidħlu armar ta' stands/stalls.

Is-Sindku nfurma lill-membri li hu ltaqa' mal-ko-ordinaturi ta' dan l-avveniment, s-Sur Mario Camilleri u c-Chocolatier Andrew Farrugia. Is-Sur Andrew Farrugia qed jitlob is-somma ta' € 3,000 sabiex jagħmel xogħol ta' skultura taċ-ċikkulata, filwaqt li s-Sur Mario Camilleri qed jitlob is-somma ta' € 1750 sabiex jieħu ħsieb il-loġistika tal-Festival.

Is-Sindku fisser li huwa mportanti li jibdew il-preparamenti għal din l-attivita' minn kmieni. Għaldaqstant il-Kunsill għandu jagħti l-approvazzjoni tiegħu sabiex is-Sur Camilleri jibda jaħdem fuq dan il-festival.

Is-Sindku spjega li malli tgħaddi l-festa San Gejtanu, l-Kunsill se jkun qed jiltaqa' mal-għaqdiet lokali sabiex naraw x'se jkun is-sehem tagħhom din is-sena.

Is-Sindku wera x-xewqa li l-Kunsilliera kollha jieħdu biċċa xogħol f'idejhom u s-Sindku jkun il-link ta' kollox.

Ġie propost li l-Kunsill ikollu team ta' helpers li jkunu mgħammra bi flokkijiet u tags eċċ.

Il-Kunsillier Carmen Borg staqsiet jekk din is-sena hux se jsir ix-show mir-Re-Enactment grupp bħas-snin l-imgħoddija. Is-Sindku kkonferma li dan se jsir.

Is-Sindku nfurma li għal dan il-festival, anke s-sidien tal-ħwienet irid jagħtu s-sehem tagħhom, billi jibqgħu miftuħin waqt l-attivita' u jagħtu donazzjoni.

## 11 Tender Ġbir ta' Skart

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li ltaqa' mas-Sindku dwar it-tfassil tal-General Conditions għat-tender tal-Ġbir ta' Skart imħallat, fejn ġie diskuss xi tibdil li għandu jsir, fosthom il-ħinijiet tal-ġbir, fejn minflok isir wara nofsinhar, jibda' jsir wara s-7.00p.m. Il-Kunsillier Buttiġieġ spjega li huwa mportanti li l-kuntratt il-ġdid jorbot lill-bidders li jkollhom it-trakkijiet b'sistema ta' Datatrak u jkunu konformi ma' EURO 5 Standards.

Inġibed l-attenzjoni li ta' kuljum qed ikun hemm ilmenti ta' spillage mit-trakkijiet li jħallu ntejjen u dbieben fit-toroq tal-Ħamrun.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li bħalissa, fil-lokalita' qed jintużaw trakkijiet antiki.

Il-Kunsillier Carmen Borg, filwaqt li taqbel ma' dan it-tibdil propost, ġibdet l-attenzjoni li huwa mportanti li l-Kunsill iżomm f'moħħu l-ħinijiet tal-landfill, sabiex ma jkunx hemm problema bir-rimi.

## 12 Ħwejjeġ Oħra

**12/01** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li x-xogħol fi Triq Kanonkun Bonnici

**12/02** Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ ressaq dawn il-punti għall-attenzjoni tal-Kunsill;

12/02a Talba għal tabella sabiex ma jintremix skart fl-area tal-Vesuvio

12/02b Talba sabiex isir ftehim fuq letterhead tal-Kunsill, bejn il-Kunsill u l-Kuntrattur tal-Knis, ghas-servizz extra li qed issir nhar ta' Ħadd.

12/02c Triq Mons. De Piro – Residenti qed jilmentaw li hemm mechanic, li qed joħloq inkonvenjent ta' rwejjaħ żjut maħruqa. Barra minhekk mhux darba jew tnejn li joqgħod jirreżja l-vetturi fil-garaxx.

12/02d Triq San Vincenz – Ir-residenti qed jitolbu li jsir dawl adegwat fil-mina li tagħti għal Triq Dun Nerik Cordina Perez.

**12/03** Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ressaq dawn il-punti għall-attenzjoni tal-Kunsill

11/03a Triq Ħal Qormi, fejn għandu l-bakery tal-kiosk, qed jintrema ilma maħmuġ fit-triq. Barra minhekk l-istess forn qed joħroġ ħafna kaxxi tal-iskart u jdum biex jinġabar.

11/03b Triq Turu Lentin – hemm xi sinjali sofor biex nivverifikaw x'inhu l-użu tagħhom ma Transport Malta.

11/03c Triq Pawlu Burlo – xi residenti talbu li ssir road hump u ssir One-Way, bit-traffiku jinżel minn Triq il-Kunċiżżjoni għal Triq id-Duluri.

11/03d Triq il-Kbira San Ġużepp – qed isir sewqan sfrenat. Dan minbarra li qed jinħoloq periklu, qed joħloq ħsarat fil-vetturi u faċċata tal-ħwienet u djar.

**11/04** Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti ressaq dawn il-punti;

11/04a Hemm bżonn li ssir manutenzjoni tal-marki tat-traffiku fi Triq San Gejtanu, bejn Triq Anton Buttiġieġ u Triq id-Duka t'Edinburgh.

11/04b Ta' l-iscammel qed jieqaf f'nofs ta' triq, fi Triq Anton Buttiġieġ biex ikun possibli li jinġabar l-iskart mis-side roads. Dan qed joħloq konġestjoni kbira tat-traffiku

11/04c Hemm bżonn li jiġu nstallati aktar doggy bins, speċjalment fl-area tal-Kunsill Lokali.

**11/05** Il-Kunsillier Carmen Borg ressqet dawn il-punti;

11/05a Il-Kunsillier Carmen Borg offriet is-servizz tagħha biex tħiet il-Purtieri tal-Uffiċċju

11/05b L-Aġenzija Sedqa offriet li torganizza laqgħa mal-għaqdiet. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa u tkun miftuħa għal kulħadd.

11/05c Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat mill-membri li ngħata bidu għar-Revision Courses mingħajr ħlas, fis-sala tal-Kunsill. Din is-sena għandna 24 student li qed jibbenefikaw minn dawn il-lezzjonijiet.

11/05d Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li nfetħu l-applikazzjonijiet għal Kors tal-Arts & Crafts.

11/05e Il-Kunsillier Carmen Borg fakkret lill-membri li l-ħarġa għal Għawdex se tinżamm nhar it-23 ta' Lulju.

11/05f Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li se torganizza Day by the Pool, iżda għalissa għadha ma' ġietx iffissata data.

11/05g Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li qed jinħoloq periklu kontinwu fi Triq San Fidiel, fejn vetturi qed jitilgħu One-Way. Dan qed iseħħ ukoll fi Triq San Gejtanu. Fid-dawl ta' dan kollu hemm bżonn li jiżdiedu t-tabelli ta' No Entry.

11/05h Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li kellha talba mir-residenti tal-Housing Estates sabiex jiżdiedu l-iskips.

**12 Aġġornament**

Il-Laqgħa ġiet aġġornata għall-Ħamis 20 t'Awissu 2015, fis-6p.m.

Il-Laqgħa ntemmet fid-9.00p.m.

____________________
Christian Sammut
Sindku

____________________
Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv

____________________
DATA